Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## SILVIO MELI

Seduta tal-15 ta' Mejju, 2003

Avvi$Z Numru. 419/2002

**Citadel Insurance plc kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurata taghha Maria Dolores Grima, u l-istess Maria Dolores Grima.**

**vs**

**Marco Vella**

**Il-Qorti,**

**Rat l-avviz fuq indikat datat l-20 ta' Gunju tas-sena 2002 li permezz tieghu l-atturi sejhu lill-konvenut quddiem din il-qorti sabiex jghid ghaliex m'ghandux ikun ikkundanat:**

**1. Illi prevja li l-konvenut jigi dikjarat unikament responsabbli ghall-incident**

**awtomobilistiku li gara f'B'Kara fit-3 ta' Lulju tas-sena 2000 li fih kienu nvoluti l-vettura DOR-275 misjuqa mill-assikurata Maria Dolores Grima u proprjeta' taghha, u l-vettura CBA-559 misjuqa mill-konvenut, liema incident sehh minhabba negligenza, traskuragni u nuqqas ta' harsien tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-konvenut, u konsegwentement jghid ghaliex m'ghandux ikun ikkundannat ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' erbat elef u tlettax il-lira Maltija (LM4,013.00,0), liema somma giet imhallsa mis-socjeta' attrici lil Maria Dolores Grima biex jikkompensaha ghad-danni sofferti;**

**2. Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali ta' Jannar tas-sena 2002 u bl-imghaxijiet legali mit-2 ta' Frar tas-sena 2002 kontra il-konvenut li hu minn issa ngunt in subizzjoni;**

**Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet datata d-19 t'Awissu tas-sena 2002 li permezz taghha l-konvenut eccepixxa s-segwenti:**

**1. Illi d-domandi attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra taghhom stante illi ghall-incident in kwistjoni l-eccipjenti ma kellu ebda tort kif jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza;**

**2. Salv kull eccezzjoni ulterjuri;**

**Semghet ix-xhieda prodotta;**

**Rat id-dokumenti esebiti;**

**Semghet it-trattazzjoni orali tar-rapprezentanti legali tal-partijiet;**

**Ikkunsidrat:**

**Illi l-fatti li taw lok ghall-procedura odjerna jistghu jigu sintetikament kompilati bil-mod segwenti:**

**1. Illi l-incident awtomobilistiku mertu ta' din il-pocedura sehh fit-3 ta' Lulju tas-sena 2000 ghall-habta ta' l-4.30p.m. gewwa Triq Tumas Fenech, Birkirkara;**

**2. Illi l-vetturi involuti fl-incident in dizamina kienu dik tal-markat Peugeot 306 bin-numru ta' registrazzjoni DOR-275 propjeta' ta' u misjuqa mill-attrici assigurata Maria Dolores Grima u dik tal-marka Isuzu mudell NKR bin-numru ta' registrazzjoni CBA-559 misjuqa mill-konvenut Marco Vella;**

**3. Illi l-attrici assigurata ssostni li hi kienet qed issuq fil-karreggjata taghha tat-triq fuq indikata minn naha tal-"by-pass" miexja fid-direzzjoni ta' Birkirkara fejn fuq "stage" li hemm fl-istess triq kien hemm xarabank tal-linja jnizzel lin-nies meta f'daqqa wahda l-vettura misjuqa b'velocita' qawwija mill-konvenut, giet minn wara tal-linja tipprova taqbez lill-istess xarabank, dahlet fil-karreggjata l-ohra, sabet lill-vettura ta' l-attrici wieqfa ghaliex ratu gej fuqha u konsegwentement l-impatt kien inevitabbli;**

**4. Illi l-konvenut isostni li hu kien miexi fit-triq gia' msemmija, sab lix-xarabank tal-linja f'nofs l-istess triq peress li kien hemm vetturi ohra ipparkjati fuq l-istage, u appena qala' lil tal-linja biex jissuperaha sab lill-vettura ta' l-attrici u saret il-habta;**

**5. Illi s-socjeta' attrici nomine ghamlet tajjeb ghad-danni sofferti mill-vettura proprjeta' ta' l-attrici u giet debitament surrogata fid-drittijiet ta' l-istess;**

**6. Illi d-danni sofferti mill-istess attrici gew debitament ippruvati skond id-dokumentazzjoni pprezentata;**

**Ikkunsidrat:**

**Illi l-incident de quo ghandu l-bidu tieghu meta l-konvenut ipproceda biex minflok bi prudenza jistenna lix-xarabank inizzel il-passiggieri u jipprocedi ghazel li jaqbzu waqt li kien qed isuq b'velocita' konsiderevoli;**

**Illi appena beda din il-manuvra l-konvenut jattira fuqu r-responsabbilita' ta' kull ma jirrizulta stante li kien hu li pprecipita l-incident;**

**Illi dan sehh ghaliex:**

**1. Kien imprudenti meta qabez xarabank li gia' kien wieqaf 'l boghod mill-bankina;**

**2. Kien negligenti meta fil-process tas-sorpass tax-xarabank kien qed isuq b'velocita' eccessiva;**

**3. Kien inkawt meta b'disprezz ghall-inkolumita' ta' haddiehor invada karreggjata ohra;**

**Ghaldaqstant filwaqt li takkolji t-talbiet attrici, tirrespingi l-eccezzjonijiet sollevati mill-konvenut u konsegwentement:**

**1. Tiddikjara lill-konvenut Marco Vella unikament responsabbli ghall-incident awtomobilistiku in dizamina;**

**2. Tillikwida d-danni sofferti mis-socjeta' attrici nomine fl-ammont ta' erbat elef u tlettax-il Lira Maltin, (LM4,013.0,0);**

**3. Tikkundanna lill-konvenut Marco Vella jhallas lis-socjeta' attrici nomine l-ammont hekk likwidat bl-ispejjez u bl-imghaxijiet skond il-ligi.**

---------------------------------TMIEM---------------------------------